MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2018

Rikors Maħluf Numru 803/2016LM

**Agostino Schembri (ID numru 471564M)**

***vs.***

**Mehari Tesfagabar Ghebar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-14 ta' Settembru, 2016 mill-attur **Agostino Schembri** (ID 471564M) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi fl-24 ta' Settembru 2014 ġewwa Triq San Luqa, Pietà, seħħ inċident tat-traffiku bejn il-vettura CBZ 863 misjuqa minn Mehari Tesfagabar Ghebar u assikurata mis-soċjetà assiguratriċi Untours Insurance Agency Limited bħala aġenti tas-soċjetà assiguratriċi QIC International LLC, u l-vettura numru ta' reġistrazzjoni*

*FAG 076 proprjetà u misjuqa mill-esponenti, liema vettura ġiet danneġġata konsiderevolment f'dan l-inċident;*

2. *Illi bħala konsegwenza ta' dan l-inċident l-esponenti sofra ġrieħi ta' natura serja li wasslu għal debilità permanenti fil-grad ta' 50% skont kif iċċertifika t-Tabib John Casaletto wara li eżamina lill-esponenti;*

3. *Illi għal dan l-inċident jaħti biss l-intimat, Mehari Tesfagabar Ghebar, u dana billi huwa kien qed isuq il-vettura b'numru ta' reġistrazzjoni CBZ 863 b'mod negliġenti u imprudenti meta ħabat fil-vettura misjuqa mir-rikorrenti, li dak il-ħin kienet qed tinstaq minnu b'mod regolari u skont ir-regolamenti tat-traffiku fit-triq prinċipali u dan kollu kif sejjer jiġi ampjament ippruvat waqt is-smigħ tal-kawża;*

4. *Illi l-intimat għalkemm interpellat permezz ta' ittra uffiċjali datata 26 ta' Lulju, 2016 sabiex jaddivjeni għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni baqa' inadempjenti;*

5. *Illi dawn il-fatti huma magħrufa personalment lill-esponenti;*

6. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;*

*Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett għaliex din il-Qorti ma għandhiex, prevja li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni:*

1. *Tiddikjara lill-intimat, is-sewwieq tal-vettura numru ta' reġistrazzjoni CBZ 863, u assikurata mis-soċjetà intimata* (sic), *Untours Insurance Agency Limited bħala aġenti tas-soċjetà assikuratriċi QIC International LLC, huwa unikament responsabbli għall-inċident inkwistjoni u d-danni relattivi minħabba traskuraġni u negliġenza, kif premess;*

2. *Tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti Agostino Schembri okkorrendo permezz ta' periti nominandi; u*

3. *Tikkundanna lill-intimat iħallas lill-esponenti, Agostino Schembri, dik is-somma hekk likwidata in linea ta' danni flimkien mal-imgħaxijiet skont il-liġi.*

*Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, inklużi dawk ta' ittra uffiċjali datata 26 ta' Lulju 2016, kontra l-intimat li jibqa' minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Ghebar Mehari Tesfagabar** (numru tal-karta tal-identità 35644A) (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), li ġiet ippreżentata fl-20 ta' Ottubru, 2016, u maħlufa minnu stess, li biha eċċepixxa:

*1. Illi r-responsabbilità għall-inċident stradali li seħħ fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) hija respinta u kkontestata;*

*2. Illi l-inċident ma seħħx bi ħtija tal-konvenut Ghebar Mehari Tesfabar;*

*3. Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-27 ta' Ġunju, 2018, fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qiegħed jitlob lill-Qorti tiddikjara li l-konvenut hu responsabbli għall-inċident li kienu involuti fih il-partijiet fl-24 ta' Settembru, 2014 ġewwa Triq San Luqa, Pietà, u li konsegwenza tiegħu l-attur sofra debilità permanenti, kif ukoll sabiex il-Qorti taddivjeni għal-likwidazzjoni tad-danni u tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas tal-istess. Il-konvenut, min-naħa tiegħu qiegħed jikkontesta r-responsabbilità tiegħu għall-akkadut.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Kontestwalment mar-rikors promutur ġie esebit ir-rapport tal-Pulizija[1] b'rabta ma' dan l-inċident, minn fejn jirriżulta li dan kien inċident bejn il-vettura CBZ-863 misjuqa mill-konvenut u l-mutur FAG-076 misjuq mill-attur. L-attur esebixxa wkoll kopja ta' rapport mediku[2] redatt mill-c*onsultant orthopaedic surgeon* Mr John A. Casaletto li eżamina lill-attur fid-9 ta' Settembru, 2016, madwar sentejn wara li seħħ l-inċident, li qal li l-attur kellu storja ta' sintomi fl-ispalla tal-lemin, *"Mr Schembri presents with a history of symptoms in the Right shoulder."* Wara li eżamina lill-attur, Mr John A. Casaletto kkonstata li dan kien qiegħed ibati minn diżabilità ta' 50%, li kienet mistennija li titranġa b'mod sinifikanti wara operazzjoni u sessjonijiet ta' riabilitazzjoni.

L-attur **Agostino Schembri** għażel li jixhed bil-mezz tal-*affidavit*[3], fejn qal li fl-24 ta' Settembru, 2014, għall-ħabta tas-07:30p.m. hu kien qiegħed isuq il-mutur tiegħu fi Triq San Luqa, fid-direzzjoni tal-Ħamrun, minn Gwardamangia. L-attur qal li hu kien qiegħed isuq b'veloċità normali, u li f'ħin minnhom lemaħ vettura ġejja mid-direzzjoni opposta li kienet sejra fid-direzzjoni tal-Isptar San Luqa, misjuqa mill-konvenut, li baqa' dieħel fih meta dan ipprova jikser lejn il-lemin. L-attur qal li kemm il-mutur misjuq minnu, kif ukoll il-vettura tal-konvenut ġarrbu ħsarat konsiderevoli, filwaqt li hu wkoll weġġa' serjament u kellu jittieħed l-Isptar.

L-attur qal li fiż-żmien tal-inċident hu kien jaħdem bħala *distribution tradesperson* mal-Enemalta, u li wara dan l-inċident għamel żmien ma jistax

[1] A fol. 4 *et seq.* tal-proċess.
[2] A fol. 12 tal-proċess.
[3] A fol. 15 tal-proċess.

jaħdem. Meta rritorna lura x-xogħol wara nuqqas ta' madwar sittax-il ġimgħa, l-attur ma setax jaħdem liberament minħabba li kien weġġa' spalltu tal-lemin. L-attur qal li konsegwenza ta' dan l-inċident huwa tilef is-*sick leave* kollu tiegħu, filwaqt li qal li f'każ li jkollu bżonn ta' aktar interventi kirurġiċi, ser ikollu bżonn jagħmel żmien itwal barra mix-xogħol. L-attur esebixxa wkoll dokumenti bħala prova tad-dħul tiegħu fiż-żmien li fih seħħ l-inċident. L-attur allega li filwaqt li s-soċjetà assikuratriċi tal-konvenut kienet offriet li tkopri l-ispejjeż tal-ħsara fuq il-mutur, meta hu kien infurmaha li hu kien korra waqt l-inċident, it-trattattivi għall-ħlas ta' kumpens waqfu ħesrem da parti tas-soċjetà assikuratriċi.

L-attur esebixxa sensiela ta' ritratti li jiindikaw il-ħsara li ġarrab il-mutur misjuq minnu kif ukoll il-ħsara sostnuta mill-vettura misjuqa mill-konvenut[4], għadd ta' ċertifikati tal-mard għaż-żmien kollu li hu kien barra mill-impjieg minħabba fl-inċident[5], u kopji tal-FS3 għas-snin 2014 u 2015 sabiex jindika lill-Qorti kemm kien id-dħul tiegħu fiż-żmien li fih seħħ l-inċident.[6]

Fl-udjenza tat-18 ta' Novembru, 2016 xehed il-**PS 356 Joseph Vella**[7], li kien investiga l-ħabta li seħħet bejn il-partijiet fl-24 ta' Settembru, 2014. Ix-xhud qal li mill-istqarrijiet li ħa mingħand il-partijiet fil-mumenti ta' wara l-inċident, irriżulta li l-impatt bejn il-vetturi rispettivi misjuqa mill-partijiet seħħ meta għal xi raġuni, il-vetturi misjuqa minn kull wieħed mill-partijiet rispettivament daħlu f'xulxin waqt li l-konvenut kien qiegħed jipprova jikser fuq il-lemin tat-triq. Ix-xhud ikkonferma li r-ritratti esebiti mill-attur u li jinsabu *a fol.* 18 u 19 tal-proċess, ittieħdu minnu.

---

[4] *A fol.* 17 *et seq.* tal-proċess.
[5] *A fol.* 20 sa 36 tal-proċess.
[6] *A fol.* 37 tal-proċess.
[7] *A fol.* 52 tal-proċess.

Fl-istess udjenza xehdet **Graziella Buttigieg**[8], li qalet li dakinhar tal-24 ta' Settembru, 2014 hi kienet għaddejja mit-triq fejn seħħ l-inċident, meta rat lill-attur mal-art wara li seħħ l-impatt. Hi marret toffri l-għajnuna minħabba li hi infermiera. Din ix-xhud qalet li dak il-ħin li rat lill-attur, dan kien għadu bil-*helmet* f'rasu, u kien qiegħed fl-istess post fejn seħħ l-inċident.

Fl-udjenza tal-10 ta' Jannar, 2017 xehed **John Leonard**[9], impjegat bħala *Head of Payroll* fl-*Engineering Resources Limited*, li qal li hu jamministra l-pagi tal-kumpannija fejn jaħdem l-attur. Ix-xhud ikkonferma li l-attur jaħdem mal-Enemalta bħala *distribution tradesperson,* u ppreżenta dokumenti[10] li jindikaw is-salarju tiegħu, il-grad tiegħu, il-ħatra tiegħu u l-formoli tal-FS3 għas-snin li għaddew. Ix-xhud spjega kif il-ħaddiema tal-*Engineering Resources Limited* huma intitolati għal mija u tnejn u tmenin (182) *calendar days* ta' *sick leave* mifruxa fuq erba' snin, u li s-*sick leave* jibda jgħodd mill-ewwel ġurnata li wieħed jirrapporta li hu marid. Ix-xhud qal li fil-każ tal-attur, apparti dawn il-182 ġurnata, għandu wkoll sitt xhur *sick leave* fuq *half pay* u dan minħabba li kien ilu impjegat mal-Enemalta għal aktar minn għoxrin sena. Wara li jittieħed il-perijodu tas-*sick leave* fuq *half pay,* impjegat ma jirċievi l-ebda paga.

Ix-xhud qal li konsegwenza ta' dan l-inċident l-attur ħa *sick leave* mill-25 ta' Settembru, 2014 sal-21 ta' Jannar, 2015, u b'hekk ġie li kien fadallu tlieta u tletin ġurnata ta' *sick leave* fuq *full pay.* Dan intqal fid-dawl tal-fatt li l-attur kien fadallu jagħmel xi operazzjonijiet li biex jirkupra minnhom kellu bżonn perijodu ta' konvalexxenza itwal mill-ġranet ta' *sick leave* bi ħlas li kien intitolat għalihom. Ix-xhud iċċara li din is-sistema ta' ħlas għas-*sick leave* hi

[8] *A fol.* 58 tal-proċess
[9] *A fol.* 63 tal-proċess.
[10] *A fol.* 70 sa 101 tal-proċess.

koperta b'*collective agreement* speċifiku għall-ħaddiema tas-soċjetà Engineering Resources Limited (ERL), li ma jirċievu l-ebda ħlas mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali għall-ġranet tas-*sick leave* li jieħdu. Ix-xhud spjega wkoll is-sistema ta' kif jinħadmu l-*increments* għall-paga li huma intitolati għalihom il-ħaddiema tas-soċjetà ERL.

Fl-udjenza tas-17 ta' Frar, 2017, il-Qorti ħatret lill-espert mediku **Mr Frederick Zammit Maempel** sabiex jeżamina lill-attur u jirrelata dwar il-konsegwenzi ta' dan l-inċident fuq saħħet l-attur.

Fl-istess udjenza xehed **Lawrence Bugeja,** rappreżentant tal-Isptar Mater Dei, li esebixxa kopja tal-file mediku tal-attur.[11]

L-attur esebixxa wkoll kopja ta' rapport mediku addizzjonali rilaxxat mill-kirurgu Mr John A. Casaletto fis-27 ta' Marzu, 2017, fejn ġie rakkomandat li huwa jagħmel żewġ operazzjonijiet fi driegħu tal-lemin, flimkien ma' żewġ stimi rilaxxati mill-Isptar Saint James li jindikaw il-ħlas għal dawn il-proċeduri, waħda fl-ammont approssimattiv ta' €5,123, u l-oħra fl-ammont approssimattiv ta' €5,264 rispettivament.[12]

L-espert mediku **Mr Frederick Zammit Maempel** ippreżenta r-rapport mediku fl-udjenza tal-20 ta' Marzu, 2017[13], fejn ikkonstata li l-inċident inkwistjoni seħħ waqt li l-attur kien qiegħed isuq mutur u kien liebes *helmet.* L-attur iddeskriva d-dinamika tal-inċident billi qal li f'ħin minnhom ġiet karozza minn faċċata li kisret għal fuqu, bil-konsegwenza li laqtitu fil-ġenb tal-lemin, fuq il-kaxxa tal-magna, ftit 'il ġewwa minn riġlu tal-lemin. Mal-impatt, il-mutur dar

[11] *A fol.* 107 sa 158 tal-proċess.
[12] *A fol.* 166 sa 169 tal-proċess.
[13] *A fol.* 170 tal-proċess.

lejn il-lemin, u l-attur tilef il-kontroll tal-mutur, bir-riżultat li waqa' mal-art. L-espert mediku kkonstata li l-attur baqa' mal-art sakemm waslet l-ambulanza li ħaditu l-Isptar, fejn ingħata trattament minħabba l-uġigħ. L-espert mediku kkonstata li l-attur inżamm għall-osservazzjoni matul il-lejl, u li l-għada ntbagħat id-dar b'idu fi żbandola. L-attur ingħata appuntament għall-*Orthopaedic OutPatients* għal xi ġranet wara, fejn hu tpoġġa f'*immobiliser sling* għal għaxart ijiem, u ngħata xi pilloli għall-uġigħ. Madanakollu l-uġigħ baqa' ma taffiex, u lejn l-aħħar tas-sena sarulu testijiet li rriżultaw li hu kellu tiċrita fil-muskolu ta' spalltu, li kienet teħtieġ intervent kirurġiku. Ix-xhud qal li l-attur tqiegħed fuq *waiting list* sabiex issirlu din l-operazzjoni, iżda sa Ġunju tal-2015 din kienet għadha ma saritx.

L-espert mediku Mr Frederick Zammit Maempel[14] stabbilixxa li l-attur kellu inċident madwar għoxrin sena qabel, fejn kien waqa' minn fuq sellum u kien weġġa' ġenbu tal-lemin. Madanakollu l-attur informa lill-espert mediku li qatt qabel ma kien ilmenta minn uġigħ fi spalltu tal-lemin qabel l-inċident. Waqt l-eżami li sar mill-espert mediku rriżulta li minn wara l-inċident, l-attur kien baqa' jħoss uġigħ fi spalltu l-leminija, u li kif jiġi biex jissikka xi ħaġa jew jaħdem f'livell 'il fuq minn rasu, hu jibda jħoss uġigħ. L-uġigħ iħossu meta juża ċertu għodod u matul il-lejl, tant li xi drabi l-uġigħ iqajmu. Konsegwenza ta' dan l-inċident, l-attur qal li kellu jwaqqaf xi passatempi li kellu, bħas-sajd u l-għawm.

L-espert mediku Mr Frederick Zammit Maempel elenka l-problemi fiżiċi li kellu l-attur meta ġie eżaminat minnu, u kkonkluda li lilu jirriżultalu li hekk kif l-attur

[14] L-eżami mediku sar l-Erbgħa, 8 ta' Marzu, 2017, madwar sentejn u nofs wara l-inċident.

waqa' minn fuq il-mutur, dan ħa skoss qawwi fid-driegħ tal-lemin, tant li żloga ġog u ċarrat wieħed mill-muskoli li jħarrku l-ispalla. L-espert mediku spjega:

> "Dawn iż-żewġ korrimenti jew leżjonijiet għandhom impatt negattiv fuq il-funzjoni tal-ispalla tad-driegħ dominanti tiegħu, u speċjalment il-ferita fil-muskolu li xi darba tiġi meħjuta, (f'operazzjoni li qiegħed jistenna li ssirlu), u jekk it-tiċrita tagħqad tajjeb allura il-funzjoni tad-driegħ titjieb. Bħalissa tilef bejn terz u nofs il-moviment normali tal-ispalla. Il-ġog żlugat jinħass skomdu biss meta d-driegħ jittella' l-aktar 'il fuq li jista' jittella' *(in full abduction or full flexion)*, però jagħti dehra mhux simmetrika lill-ispallejn; fejn dik tal-lemin ser dejjem ikollha għadma sporġuta xi żewġ ċentimetri fis-saqaf tagħha."

L-espert mediku kkonstata li fl-istat preżenti li hu sab lill-attur fih, qabel isirlu l-intervent kirurġiku meħtieġ, dan qiegħed isofri minn debilità permanenti ta' 15%.

L-attur ippreżenta għadd ta' irċevuti b'rabta max-xiri ta' mediċini li hu kellu bżonn konsegwenza ta' dan l-inċident, kif ukoll irċevuti għar-*Road Accident Report* tal-Pulizija u kopja tal-kont għall-irmonk tal-mutur[15], li b'kollox jammontaw għal €355.92.

Fl-udjenza tal-11 ta' April, 2017 xehed l-attur **Agostino Schembri**[16]**,** li spjega li l-inċident inkwistjoni seħħ meta hu kien qiegħed isuq mutur fit-triq ta' quddiem l-Isptar San Luqa, fid-direzzjoni tal-Ħamrun, meta waqt li kien qiegħed isuq ġiet karozza mid-direzzjoni opposta, u hekk kif daret fuq il-lemin, baqgħet dieħla fih. L-attur xehed li t-tabib kuranti tiegħu hu Mr Casaletto, li kien ikkonstata li l-attur qiegħed ibati minn diżabilità ta' 50%, u li sabiex jitnaqqas l-uġigħ u l-konsegwenzi sofferti minnu, hu kellu bżonn jagħmel żewġ operazzjonijiet. L-attur qal ukoll li hu ngħata stimi ta' kemm ser jiġu jiswewh

[15] *A fol.* 177 sa 187 tal-proċess.
[16] *A fol.* 188 tal-proċess.

dawn l-operazzjonijiet jekk isiru fl-Isptar Saint James. Spjega kif minħabba r-*recovery period* meħtieġ wara kull operazzjoni li għandu bżonn jagħmel, hu ser jispiċċa mingħajr *sick leave* peress li ser ikun ħadu kollu.[17]

L-attur reġa' xehed fl-udjenza tas-27 ta' Settembru, 2017[18], fejn spjega li fit-28 ta' April , 2017, hu ġie operat fi spalltu, bil-konsegwenza li ħa l-ġranet tas-*sick leave* kollha li kien baqagħlu għad-dispożizzjoni tiegħu, u wara beda jieħu l-*vacation leave* sabiex jevita li jaqa' b'*half pay.* Hu spjega kif li kieku din kellha tiġi kkwantifikata, hu jiġi li tilef madwar elf u ħames mitt Euro. L-attur xehed kif minkejja li għamel l-operazzjoni kif irrakkomandawlu t-tobba, hu xorta waħda baqa' muġugħ. Ix-xhud esebixxa għadd ta' ċertifikati tal-mard, kif ukoll rendikont uffiċjali maħruġ mill-kumpannija li hu impjegat magħha, fir-rigward tal-ammont ta' ġranet ta' *sick leave* u *vacation leave* li ħa.[19]

In vista tal-fatt li fil-mori tal-kawża laħaq għamel waħda mill-operazzjonijiet li kien rakkommandat lilu li jagħmel, fis-16 ta' Ottubru, 2017, l-attur reġa' ġie eżaminat mill-espert mediku maħtur mill-Qorti Mr Frederick Zammit Maempel, fejn ġie stabbilit li minn wara l-operazzjoni, il-moviment tad-driegħ tal-lemin tal-attur ġie 'l quddiem u jista' jitħarrek aktar, iżda baqa' ma nkisibx il-moviment kollu tal-id. L-espert mediku kkonkluda r-rapport tiegħu b'dan il-mod:

> "Jiena eżaminajt lis-Sur Schembri sitt xhur wara l-ewwel eżami, ċioè ħames xhur wara l-operazzjoni li saritlu fuq l-ispalla leminija. Jiena rajt ukoll in-nota tal-operazzjoni li tindika l-ħsara li nstabet fl-ispalla waqt l-operazzjoni u l-miżuri kirurġiċi li ttieħdu fl-intervent. Id-differenza misjuba bejn iż-żewġ eżamijiet

[17] L-attur spjega s-sitwazzjoni b'dan il-mod: "Ħalli ngħidu li nagħmel l-*operations* din is-sena. Għandi average forsi one month minnhom nieħu full pay, imbagħad the next three months jaf neħodhom half pay, però dejjem jekk jiena f'dan l-intervall ma jkollix xi inċident jew inkun marid hux."
[18] *A fol.* 195 tal-proċess.
[19] *A fol.* 199 sa 202 tal-proċess.

> tindika l-effett li rriżulta mill-operazzjoni u tikkonferma li l-moviment tal-ispalla żdied kemm meta jgħolliha 'l barra u meta jgħolliha 'l quddiem. Dan għandu effett pożittiv fuq il-funzjoni tad-driegħ. Fl-intervent, il-ġog żlugat *'acromioclavicular'* ma ntmissx.
>
> B'konklużjoni huwa possibbli li l-uġigħ fl-ispalla jonqos biż-żmien, u s-saħħa tal-muskoli tiżdied xi ftit hekk kif juża d-driegħ aktar; però l-moviment tal-ġog mhux mistenni jitjieb. Fil-fehma tiegħi, is-Sur Agostino Schembri ġarrab diżabilità permanenti ta' 11% bħala riżultat tal-inċident ta' Settembru 2014."[20]

Fl-udjenza tas-27 ta' Ġunju, 2018, xehed il-konvenut **Ghebar Mehari Tesfagabar**[21], li qal li l-inċident seħħ meta hu kien wieqaf bil-karozza fi Triq San Luqa, Gwardamangia, u hekk kif kien qiegħed idur fuq il-lemin lemaħ lill-attur ġej isuq b'veloċità qawwija, u kien f'dak il-mument li seħħ l-impatt bejn il-mutur misjuq mill-attur u l-vettura misjuqa mill-konvenut. Il-konvenut qal li hu ntlaqat fil-parti ta' quddiem tal-vettura tiegħu u li kellu ħsara fil-*mudguard* fil-parti ta' quddiem u fil-*bumper.*

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Il-Qorti sejra tgħaddi biex tikkunsidra l-evidenza ppreżentata waqt din il-kawża sabiex tiddetermina jekk da parti tal-konvenut hemmx responsabbilità x'tinġar għad-danni sofferti mill-attur. Jirriżulta li l-inċident inkwistjoni seħħ meta l-partijiet kienu qegħdin isuqu fi Triq San Luqa, Gwardamangia iżda kienu sejrin f'direzzjonijiet opposti għal xulxin. L-impatt bejn il-mutur tal-attur u l-vettura tal-konvenut seħħ hekk kif il-konvenut kien ġej mid-direzzjoni tal-Ħamrun, lejn id-direzzjoni tal-Isptar San Luqa, fejn waqt li kien qiegħed jikser lejn il-lemin,

[20] Rapport addizzjonali tal-espert mediku Mr. Frederick Zammit Maempel, *a fol.* 214.
[21] *A fol.* 225 tal-proċess.

seħħ l-impatt mal-mutur misjuq mill-attur. Il-konvenut allega li l-mutur kien ġej b'veloċità eċċessiva, u li kien għalhekk li huwa ma rahx. Il-Qorti qieset il-verosimiljanza ta' din l-allegazzjoni, fid-dawl tal-fatt li dan l-inċident seħħ fi triq wiesgħa u pjuttost twila, li f'ċirkostanzi normali, mhu suppost li kien hemm xejn li seta' jostakola l-vista ta' min ikun għaddej fiha. Il-Qorti qieset ukoll il-veloċità massima li jista' jsuq biha mutur meta kkomparat mal-veloċità ta' karozza, u waslet għall-konklużjoni li hu aktar verosimili li fil-mument tal-inċident, il-konvenut ta kas biss ta' vetturi li setgħu kienu ġejjin minn mal-ġnub tat-triq, stante li f'dak il-mument hu kien qiegħed idur lejn il-lemin, milli ta' vetturi li setgħu kienu ġejjin minn faċċata, bħalma kien il-mutur misjuq mill-attur.

Il-Qorti temmen li l-kawża ta' dan l-inċident hi n-nuqqas ta' *proper lookout* li kien mistenni jżomm il-konvenut, liema obbligu ngħata diversi tifsiriet mill-Qrati tagħna. Hekk pereżempju f'deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet **Pulizija *vs.* J.M. Laferla** fis-17 ta' Ġunju, 1961, il-Qorti qalet li:

> "min ma jarax dak li raġonevolment għandu jara, ifisser li ma kienx qed iżomm *'a proper lookout'*."

F'deċiżjoni mogħtija minn Qorti barranija, spiss iċċitata mill-Qrati barranin hija dik fl-ismijiet **Neuhaus *vs.* Bastion Insurance Co. Ltd.**[22] fejn l-obbligu li jinżamm *'a proper lookout'* ġie mfisser bħala:

> *"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road*

[22] 1968, (1) SA 398 (A) 405H - 406A).

*passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."*

F'deċiżjoni oħra tal-Qrati tagħna fl-ismijiet **Pulizija *vs.* Anthony Spiteri**, mogħtija fil-21 ta' Mejju, 1960, il-Qorti qalet:

"Driver ta' karozza għandu innegabbilment, fost oħrajn, żewġ doveri: wieħed, dak li jżomm *a proper lookout* għall-vejikoli, *pedestrians*, u *road-users* oħra; l-ieħor, dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'pożizzjoni tali li jkollu f'kull ħin kontroll sewwa tal-vejikolu. Il-Qorti osservat "ma għandux jintesa illi l-aċċidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' disattenzjoni ta' *split second* u l-kontinġenzi tat-traffiku jistgħu jkunu subitanei u inaspettati. Dan hu ċertament sewqan negliġenti; u ma jistax biex jeskludih il-fatt illi t-triq kienet wiesħga u illi traffiku ieħor ma kienx hemm fit-triq, u ċ-ċirkostanzi l-oħra tal-mument ... għal sewqan negliġenti ma hemmx bżonn tal-vjolazzjoni ta' normi ġuridiċi speċifiċi, imma biżżejjed li jkun hemm negliġenza, fis-sens ta' nuqqas ta' 'prudenza ordinarja' li wieħed għandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali."

Huwa ċar li l-konvenut naqas milli josserva regola importanti fis-sewqan, dik li jkollu vista sħiħa ta' dak kollu li kien għaddej fil-viċinanzi tiegħu, tant li lanqas ra l-mutur tal-attur ġej mid-direzzjoni opposta tat-triq, u minħabba f'hekk għandu jinżamm responsabbli għall-inċident mertu ta' din il-kawża.

Hekk stabbilita l-kwistjoni dwar min għandu jġorr responsabbilità għal dan l-inċident, iridu għalhekk jiġu likwidati d-danni sofferti mill-attur. Mill-provi jirriżulta mill-kopji tal-irċevuti esebiti li l-attur sofra danni materjali/*damnum emergens* fis-somma ta' €355.92, filwaqt li hemm ukoll telf ta' qligħ futur/*lucrum cessans* konsegwenza tad-debilità permanenti sofferta mill-attur.

Kwantu għad-danni materjali/*damnum emergens* sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża, l-attur allega li sofra telf ta' madwar elf u ħames mitt Euro (€1,500) tul iż-żmien li fih hu kellu jieħu

*vacation leave* wara l-operazzjoni li saritlu. Madanakollu minn imkien ma tirriżulta prova ta' dan. Inoltre fuq ammissjoni tal-attur stess, jidher li hu pprefera li jutilizza l-*vacation leave* minflok jieħu s-*sick leave* b'*half pay* u dan naturalment sabiex hu jkun jista' jirċievi s-salarju kollu għall-perijodu inkwistjoni. Inoltre l-attur esebixxa wkoll kopja ta' stimi tal-ispiża meħtieġa sabiex hu jkun jista' jagħmel l-interventi kirurġiċi meħtieġa fi sptar privat, iżda minn imkien ma jirriżulta li dawn huma danni materjali sofferti minnu, jew li l-intervent li għamel sarlu fi sptar privat bil-konsegwenza li kellu jħallas għalih.

L-artikolu 1045 (1) tal-Kodiċi Ċivili jistabbilixxi illi:

> "Il-ħsara li persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għamil tagħha jkun ġab direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, total jew parzjali, li dak l-għamil seta' jġib."

F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-18 ta' Frar, 2013, fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**, il-Qorti qalet:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna l-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hi regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti diversament

presjeduta fis-27 ta' April, 2005, fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks,** ġie stabbilit illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' ħamsin (50) sena, li hi l-età li kellu l-attur fiż-żmien li fih seħħ l-inċident, il-*multiplier* adottat ikun ta' 13. F'sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley *vs.* Edward u Lydia konjugi Restall**[23], il-Qorti qalet:

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler vs Heard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-*'chances and changes of life'*, b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.
> ...
> Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler vs Heard**, b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala *'lucrum cessans'* jipprova jimprimi sens ta'

[23] P.A., 10.05.2005.

ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

Il-Qorti tqis li *multiplier* ta' 13 huwa wieħed ġust meta wieħed iqis il-*working life expectancy* tal-attur, u tenut kont ukoll il-fatt li persuna fl-età tal-attur hi mistennija li taħdem almenu sal-età ta' 65 sena sabiex tilħaq l-età tal-irtirar.

Il-Qorti ser tieħu bħala qligħ annwali li kien jipperċepixxi l-attur il-paga bażika tiegħu għas-sena 2014, is-sena li fiha seħħ l-inċident. Mill-kopja tal-FS3 esebita[24] jirriżulta li l-attur kellu dħul gross ta' €19,228 u dħul nett ta' €16,351.94. Din il-paga trid tiġi aġġustata u togħla abbażi tal-għoli tal-ħajja[25] għall-perijodu kollu tal-*multiplier*, sabiex b'hekk is-salarju bażiku li ser tkun qiegħda taħdem fuqu l-Qorti huwa ta' €16,351.94 + €18,392.66 / 2 = €17,372.30. Hu dan l-ammont ta' salarju bażiku li l-Qorti ser tieħu għall-fini tal-komputazzjoni li trid tagħmel.

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba *(lump sum payment)*. Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta tiġi ppreżentata ċ-ċitazzjoni u s-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tali tnaqqis. Il-kawża nfetħet fis-sena 2016, u ser

[24] *A fol.* 37 u 38 tal-proċess

[25] F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti stabbiliet illi, "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*." Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, li hija r-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38%(2013) + 0.31%(2014) + 1.10%(2015) + 0.64%(2016) + 1.37%(2017) ÷ 5= 0.96%}.

tinqata' ftit anqas minn sentejn wara li kien hemm l-ewwel udjenza. Ma jistax jintqal li kien hemm xi delungar da parti ta' xi ħadd jew ieħor mill-partijiet.

Bħala perċentwal ta' diżabilità, il-Qorti sejra tadotta l-grad ta' debilità permanenti ta' ħdax fil-mija (11%) kif stabbilit mill-espert mediku maħtur minnha wara l-aħħar eżami li għamel fuq l-attur, liema eżami sar wara l-intervent kirurġiku li l-attur kien ingħata parir li jagħmel. Il-Qorti ma tara li hemm l-ebda raġuni valida li għaliha għandha tiddipartixxi minn din ir-rata hekk stabbilita.

Is-salarju medju ta' €17,372.30 x *multiplier* ta' 13, x 11% diżabilità permanenti sofferta mill-attur, iwasslu għal ċifra ta' €24,842.39, li meta ridotta b'20% *(lump sum payment),* tiġi **€19,873.91.** Dan huwa l-*lucrum cessans* likwidat mill-Qorti, li meta magħdud mas-somma ta' €355.92 rappreżentanti d-*damnum emergens* soffert mill-attur, jiġi stabbilit li l-ammont totali li għandu jitħallas mill-konvenut lill-attur *in linea* ta' danni jammonta għal **<u>€20,229.83</u>**.

## <u>Decide</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut;**

2. **Tiddikjara li l-konvenut huwa unikament responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża u għad-danni relattivi;**

3. **Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' għoxrin elf, mitejn u disgħa u għoxrin Euro, u tlieta u tmenin ċenteżmu (€20,229.83);**
4. **Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma hekk likwidata in linea ta' danni.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenut.**

Moqrija.